TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT 164/16 MS

John Caruana

vs

Alex Chetcuti - Stop Shop Repair Centre.

Illum 13 ta' Frar 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat mir-rikorrent fit-13 ta' Settembru 2016 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €340.00, prezz ta' mobile li xtara minghand il-konvenut/ id-ditta intimata, liema mobile kellu diffett li minhabba fih ma setax jintuza.

Ra li l-konvenut gie notifikat fid-19 ta' Settembru 2016.

Ra illi l-konvenut ma dahal ebda risposta u ghalhekk jinsab kontumaci.

Ra l-atti tal-kawza u sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi fit-3 ta' Frar 2016 ir-rikorrent xtara mobile Samsung S5 Neo ghall-prezz ta' tlett mija u erbghin Euro (€340.00). Xi tlett xhur u nofs wara li nxtara, zviluppa hsara fis-sens illi kien hemm nuqqas ta' smigh minn min jircievi telefonati minn fuq dak il-mobile. Ir-rikorrent irraporta l-hsara u hadu ghat-tiswija, izda minkejja dan il-hsara ppersistiet. Wara illi r-rikorrent halla l-mobile ghat-tiswija ghal xi tlett darbiet bid-difett dejjem jippersisti, gie mgharraf illi kellu jinbidel il-motherboard. Ir-rikorrent talab assikurazzjoni illi jekk dana jsir, il-mobile jahdem kif suppost izda din l-assikurazzjoni ma nghatatx Ghalhekk halla l-mobile fil-hanut tat-tiswija u adixxa dan it-Tribunal ghar-rifuzjoni tal-prezz imhallas.

Ikkunsidra

Peress illi t-Tribunal m'ghandux il-versjoni tal-konvenut minhabba l-kontumacja volontarja tieghu, jrid joqghod fuq il-versjoni guramentata moghtija mir-rikorrent u ta' ohtu Josette Caruana. Din il-versjoni hija kompattibli ma' mobile illi ma jiffunzjonax kif suppost u ghalhekk jimmerita illi t-talba tieghu tkun milqugha, ukoll in vista tal-fatt illi l-mobile kien ilu mixtri biss tlett xhur u nofs, kien ghadu taht garanzija u peress illi ma nghatax garazija fuq it-tiswija, r-rikorrent huwa intitolat li jiehu l-flus lura.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-konvenut li jhallas lir-rikorrent is-somma ta' €340, prezz ta' mobile mixtri minghand il-konvenut, ghar-ragunijiet imsemmija.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru